IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.4.2015
COM(2015) 173 final

2012/0360 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill b'rabta mal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment

2012/0360 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill b'rabta mal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment

1. SFOND

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2012) 744 finali – 2012/0360 COD):	13. 12. 2012.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	22. 05. 2013.
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	05. 02. 2014.
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	12. 03. 2015.

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA MILL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament dwar l-Insolvenza kienet adottata fit-12 ta' Diċembru 2012. L-għan ewlieni tagħha huwa l-promozzjoni ta' "kultura ta' salvataġġ" fl-UE. L-elementi ewlenin tal-proposta huma dawn li ġejjin: testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament biex ikopri proċedimenti ta' insolvenza "preventivi" bl-għan li jiġu salvati negozji u tkun koperta firxa ikbar ta' proċedimenti ta' insolvenza personali; tiċċara l-kriterji għall-ġuriżdizzjoni (ċentru ta' interess ewlieni – COMI) u ttejjeb il-qafas proċedurali għall-eżami tal-ġuriżdizzjoni; tistabbilixxi sistema ta' reġistri ta' insolvenza interkonnessi biex tiżdied it-trasparenza għad-debituri; issaħħaħ il-possibilitajiet ta' salvataġġ tal-kumpaniji billi jiġi evitat il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji fejn l-interess tal-krediturilokali jkunu garantiti mod ieħor (magħrufa bħala "proċedimenti sekondarji sintetiċi"); tipprovdi qafas ġuridiku għall-koordinament tal-proċedimenti ta' membri tal-gruppi tal-kumpaniji.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-elementi kruċjali kollha tal-proposta tal-Kummissjoni b'xi bidliet tekniċi fid-dettalji. Dawn l-emendi jinkludu miżuri addizzjonali biex jiġi evitat forum shopping abbużiv mill-konsumaturi, ir-rekwiżit ta' approvazzjoni ta' proċedimenti sekondarji sintetiċi minn maġġoranza tal-krediturilokali, u t-twaqqif ta' "proċedimenti ta' koordinament tal-grupp". Il-Kummissjoni tappoġġa dawn l-emendi.

Wara d-diskussjonijiet tripartitiċi informali tal-15 ta' Ottubru 2014 u l-10 ta' Novembru 2014, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni laħqu qbil politiku provviżorju dwar it-test tar-Regolament tal-Insolvenza l-ġdid (f'forma riformulata).

Dan il-ftehim politiku ġie kkonfermat mill-Kunsill fl-4 ta' Diċembru 2014, u fit-

12 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

4. KONKLUŻJONI

Billi hemm qbil dwar l-emendi kollha li ddaħħlu fil-proposta tal-Kummissjoni waqt id-diskussjonijiet tripartitiċi informali, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-emendi li adotta l-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.